# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn, 11 ta' Ottubru, 2021

**Kawża Nru. 8**

**Rik. Nru. 26/2021 ISB**

**APS Bank plc (C-2192)**

**vs**

**Ir-Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **APS Bank plc (C-2192)**, pprezentat fil-25 ta' Marzu 2021, li permezz tiegħu huwa jsostni hekk:-

> *Illi r-Registratur intimat ħareġ avviż datat it-30 ta' Ġunju 2020 (kopja hawn annessa bħala Dok. A) li permezz tagħha informa li:*

*"Notice is hereby given that the names of the under-mentioned limited liability companies were struck off the register in terms of subsection 2 of Section 325 of the Companies Act, 1995".*

*Illi fost il-kumpaniji elenkati fl-avviz hawn fuq imsemmi u hawn anness bhala Dok. A, hemm inkluza s-socjeta'* ***Troy Services Limited (C17220)****, l-isem ta' liema socjeta' gie mhassar minn fuq ir-registru tal-kumpaniji nhar is-27 ta' Gunju 2020 kif jirrizulta mill-estratt mir-registru tal-kumpaniji hawn anness bhala Dok. B;*

*Illi l-bank rikorrent hu kreditur tal-imsemmija socjeta' Troy Services Limited (C17220) fl-ammont komplessiv ta' mitejn, tmienja u disghin elf, sitt mija, sebgha u disghin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€298,697.51), oltre l-interessi ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv, in kwantu ghal diversi facilitajiet bankarji moghtija mill-bank rikorrent lill-istess socjeta' Troy Services Limited u dan kif jirrizulta mir-rendikont, Sanction Letters u statements relattivi hawn annessi bhala Dok. C sa Dok. M rispettivament;*

*Illi in garanzija tal-imsemmija facilitajiet bankarji, l-bank rikorrent ghandu favur tieghu ipoteki generali fil-konfront tal-istess Troy Services Limited (kopji tal-ipoteki hawn annessi bhala Dok. N, Dok. O u Dok. P);*

*Illi ghalhekk, il-bank rikorrent hu kreditur li jinsab pregudikat u aggravat, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-fatt li l-isem tal-kumpanija in kwistjoni, Troy Services Limited (C17220), gie mhassar minn fuq ir-registru tal-kumpaniji u kwindi fl-umli opinjoni tal-bank rikorrent din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-imsemmija socjeta' Troy Services Limited (C17220) jerga' jidhol fir-registru tal-kumpaniji sabiex il-bank rikorrent ikun jista' jressaq dawk il-proceduri gudizzjarji necessarji fil-konfront tal-imsemmija Troy Services Limited (C17220) bl-ghan li l-bank rikorrent ikun jista' jikseb u sussegwentement jenforza titolu ezekuttiv fil-konfront tal-istess socjeta';*

*Illi ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, ghadu ma ddekorriex il-perjodu ta' hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir tal-isem tal-kumpanija in kwistjoni minn fuq ir-registru tal-kumpaniji.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-bank rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tordna lir-Registratur tal-kumpaniji sabiex, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jerga' jdahhal l-isem tas-socjeta' Troy Services Limited (C17220) fir-registru tal-kumpaniji, b'dan li l-istess socjeta' titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-registru;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattivament ghal tali inserzjoni fir-registru tal-kumpaniji;*

3. *Jekk ikun mehtieg, taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni sabiex is-socjeta' Troy Services Limited (C17220) u l-persuni kollha interessati jitqieghdu fl-istess posizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-istess socjeta' ma jkunx thassar minn fuq ir-registru.*

*Bl-ispejjez.*

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors DOK A sa DOK P) minn fol 5 sa fol 52.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fit-12 ta' April 2021 (ara tergo ta` fol 53).

Rat illi fid-29 ta' April 2021, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 54), li permezz taghha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Troy Services Limited (C 17220) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fl-14 ta' Diċembru 1994;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjari tagħha u dwar kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-aħħar kont annwali reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2008 u l-aħħar prospett annwali huwa tas-sena 2008 ukoll;*

*Illi tali nuqqas serju u kontinwu għal diversi snin kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjali tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill- kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat u kif ukoll lill-uniku direttur*

*tal-kumpanija Raymond Camilleri fl-indirizz 62, Bakery Street, Lija, rispettivament, datati 18 ta' Frar 2020;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija kif ukoll lid-diretturi fuq l-istess indirizzi fis-27 ta' Marzu 2020;*

*Illi f'dawn l-ittri l- kumpanija u d-direttur ġew infurmati illi la darba l-kumpanija kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fis-27 ta' Marzu 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp, ir- Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti kemm mingħand il-kumpanija u kif ukoll mingħand terzi u għaldaqstant, fit-30 ta' Ġunju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi kif jidher ċar mill-fatti suesposti, ir-rikkorrent kellu biżżejjed żmien kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija, biex jinforma l-esponent dwar l-interess illi kellu sabiex l-isem ta' din il-kumpanija jibqa' fuq ir-Reġistru, iżda dan baqa' inadempjenti;*

*Illi fil-każ odjern, ir-rikkorent qiegħed jibbaża t-talba tiegħu sabiex l-isem tal-kumpanija jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru bħala kreditur ai termini tas-subartikolu 4 tal-artikolu 325 tal-Att. Dan tal-aħħar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista' jingħata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subartikolu 6 tal-istess artikolu jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' tal-kumpanija u kull uffiċjal u membru tagħha għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqs li kieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru.*

*Illi r-Reġistratur japprezza illi meta f'każ bħal dan, ikun kreditur illi jkun qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerġa' jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru, dina l-Onorabbli Qorti m' għandha l-ebda kontroll fuq l-aġir tal-kumpanija. Dan għaliex l-isem tal-kumpanija jkun qiegħed jerġa' jitpoġġa fuq ir-Reġistru sempliċement għall-benefiċċju tal-kreditur. Ir-Reġistratur jixtieq umilment jissolleva, illi f'ħafna każijiet bħal dan tal- lum, il-kreditur jagħżel li jagħmel rikors il-Qorti sabiex jerġa' jitqiegħed lura fuq ir-Reġistru l-isem tal-kumpanija anke jekk ikun jaf li l-kumpanija ma jkollha ebda assi.*

*Illi għalhekk ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi, sabiex jistabbilixxu jekk il-kumpanija in kwistjoni timmeritax illi tidħol lura fuq ir-Reġistru. Ir-Reġistratur m' għandux oġġezzjoni għal dan u għalhekk lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provvediment li l-Qorti jidrilha xierqa u opportun sabiex ir-rikorrent ikun fil-posizzjoni illi jeżerċita kwalunkwe drittijiet spettanti lilu bħala kreditur tal-kumpannija msemmija. Filwaqt illi r-Reġistratur ma jispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat **<u>id-digriet</u>** taghha tal-14 ta' Mejju 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-10 ta' Gunju 2021 fl-10.00am.

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Gunju 2021, deher Marvic Gauci in rapprezentanza tal-Bank rikorrent kif assistit mill-Av. Ian Vella Galea u dehret l-Av. Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji.

Semghet, f'din l-istess udjenza x-xhieda tal-imsemmi Marvic Gauci.

Rat illi, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386** tal-Ligijiet ta' Malta, u li permezz taghha, ir-rikorrent jghid illi fit-30 ta' Gunju 2020, ir-Registratur intimat hareg Avviz li permezz tieghu avza illi kienet ser titnehha minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji isem il-kumpannija kummercjali **Troy Services Limited C-17220**.

Illi isem l-imsemmija socjeta` kummercjali tnehha minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji fis-27 ta' Gunju 2020.

Illi jirrizulta illi l-Bank rikorrenti huwa kreditur tas-socjeta` msemmija **Troy Services Limited C-17220**, fl-ammont komplessiv indikat fir-rikors promotur, oltre` l-interessi ulterjuri sad-data tal-pagment effettiv, rizultat ta' diversi facilitajiet bankarji u finanzjarji moghtija mill-Bank rikorrenti lis-socjeta` msemmija, kollox kif jirrizulta mid-diversi dokumenti annessi.

Illi jirrizulta ukoll illi l-Bank rikorrenti ghandu ukoll ipoteki generali fil-konfront tal-istess socjeta` **Troy Services Limited C-17220**, u kwindi, meta isem l-istess socjeta` thassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, il-Bank rikorrent hassu pregudikat peress illi gie f'pozizzjoni fejn ma jistghax jezegwixxi it-titolu ezekuttiv li ghandu fuq il-krediti tieghu fil-konfront tas-socjeta` msemmija.

Huwa allura ghalhekk illi l-Bank rikorrent ressaq dawn il-proceduri sabiex is-socjeta` **Troy Services Limited C-17220** terga' titqieghed fuq ir-Registru bil-ghan illi l-Bank rikorrent jiehu l-mizuri kollha lilu spettanti biex jissodisfa l-krediti tieghu, billi jikseb u sussegwentament jenforza t-titoli ezekuttivi.

Illi fid-deposizzjoni tieghu, **Marvic Gauci** in rappresentanza tal-Bank rikorrenti ighid illi huwa l-Manager tar-Recoveries Unit fi hdan il-Bank rikorrent u filwaqt illi kkonferma l-ammonti li ghadhom dovuti mis-socjeta` Troy Services Limited lil Bank, kkonferma ukoll id-dokumenti esebiti. Spjega ulterjorment illi qatt ma ttiehdu proceduri legali biex ikunu ssaldati l-krediti dovuti lill-Bank peress illi kien hemm numru t' arrangamenti mas-socjeta` Troy Services Limited jew l-*ultimate beneficial owner* taghha, imma baqghu ma wasslux. Ighid illi kien hemm anke konvenju li kien qed jiggedded minn zmien ghal zmien u l-Bank kien qed jistenna ezitu posittiv ghalih sabiex jithallas l-kreditu dovut – imma fil-frattemp is-socjeta` *de quo* tnehhiet minn fuq ir-Registru.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Registratur jsostni illi kellu kull raguni valida fil-ligi biex jikkancella l-kumpannija u ghaddha mill-proceduri kollha li trid il-ligi biex sar dan. Filwaqt illi finalment jhalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeciedi hi skond il-provi li jitressqu, b'dana kollu, u giustament, ir-Registratur intimat jirrimarka illi ma jkunx sewwa illi jsiru proceduri bhal dawn meta l-istess rikorrent ikun konxju illi l-kumpannija li isimha hekk ikun gie kancellat ma jkollha ebda assi.

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti li hemm bzonn biex kumpannija kummercjali li tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terga' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena citat.

M'hemmx dubbju illi ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta il-kumpannija **Troy Services Limited C-17220** giet ikkancellata minn fuq ir-Registru, in kwantu illi l-partijiet jaqqblu u d-dokumentazzjoni hekk turi, illi dan sar fit-30 ta' Gunju 2020.

Mill-atti jidher car illi l-Bank rikorrenti ghandu kreditu fil-konfront tal-kumpannija mnehhija minn fuq ir-Registru **Troy Services Limited C-17220** u li, jekk irid jinghad kollox, il-Bank rikorrent naqas milli jipprocedi kontra l-istess kumpannija sabiex jissalda l-kreditu tieghu u eventwalment jithallas, anke jekk in effetti, x-xhud Marvic Gauci ta l-ispjegi tal-Bank ghal dan, liema ragunijiet il-Qorti tifhem ukoll.

Illi filwaqt illi l-intimat Registratur ghandu ragun josserva illi ma ghandux ikun accettat illi kredituri jezercitaw id-dritt taghhom ai termini tal-Artiklu 325(4) meta jkunu jafu illi l-kumpannija ma jkolliex assi – b'dana kollu kull kaz storja u fil-kaz odjern, wiehed bizzejjed jaghmel referenza ghall-kopji tal-ipoteki esebiti sabiex jikkonkludi illi dan mhux wiehed minn dawk il-kazijiet.

Huwa ghalhekk illi din il-Qorti, fid-decizjoni taghha qed tiehu nota tal-fatt illi r-Registratur intimat kellu kull ragun illi jikkancella isem il-kumpannija Troy Services Limited minn fuq ir-Registru, pero` l-Bank rikorrent ghandu l-interess u jinsab sodisfatt dak li trid il-ligi biex huwa jitlob b'success ir-rientegrazzjoni tal-kumpannija msemmija lura fuq ir-Registru.

**GHALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvediment tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, din il-Qorti jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 356 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien hmistax il-jum, jerga' jdahhal l-isem ta' **Troy Services Limited C-17220** fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-Registru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tas-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattiva ghal tali inserzjoni mill-gdid tal-kumpannija msemmija fir-Registru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Troy Services Limited C-17220** jitpogga lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji ghall-perjodu ta' hames (5) snin, b'dan illi l-Bank rikorrenti huwa mistenni illi jinizjala u jsegwi l-proceduri sabiex jikseb u jenforza kwalsiasi titolu ezekuttivi kontra l-istess socjeta` msemmija fiz-zmien hawnekk koncess.

4. **Fil-raba' lok**, tordna illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri ir-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Troy Services Limited C-17220** fuq ir-Registru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**